Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje C

C/2023/723

10.11.2023

Avviż tal-Kummissjoni dwar il-preżentazzjoni ta' informazzjoni addizzjonali rigward l-interventi mhux koperti mis-sistema integrata msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill mill-Istati Membri fir-rapporti annwali dwar il-prestazzjoni msemmija fl-Artikolu 134(6) tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(C/2023/723)

NOTA RIPAC ([1]) **NRU 2023–XX**

Dan id-dokument qed jiġi pprovdut għal finijiet ta' informazzjoni biss u l-kontenut tiegħu mhuwiex maħsub biex jissostitwixxi l-konsultazzjoni ta' kwalunkwe sors legali applikabbli jew il-parir meħtieġ ta' espert legali, meta jkun xieraq.

La l-Kummissjoni u lanqas kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimha ma jistgħu jinżammu responsabbli għall-użu li jsir minn dawn in-noti u lanqas ma jistgħu jitqiesu bħala interpretazzjoni vinkolanti tal-leġiżlazzjoni.

Dan id-dokument huwa maħsub biex jgħin lin-negozji u lill-awtoritajiet nazzjonali fl-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Ewropea. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea biss hija kompetenti biex tinterpreta b'awtorità d-dritt tal-Unjoni.

SETTUR:	Kollha
MIŻURA:	Rapport annwali dwar il-prestazzjoni
SUĠĠETT:	Il-preżentazzjoni ta' informazzjoni addizzjonali dwar l-interventi mhux koperti mis-sistema integrata msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2])
DISPOŻIZZJONIJIET IKKONĊERNATI:	L-Artikolu 134(6) tar-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3])

Mistoqsija: Liema informazzjoni addizzjonali għandha tiġi ppreżentata mill-Istati Membri abbażi tal-Artikolu 134(6) tar-Regolament (UE) 2021/2115 fir-rapporti annwali dwar il-prestazzjoni fir-rigward tal-interventi li mhumiex koperti mis-sistema integrata msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) 2021/2116?

Ir-Regolament (UE) 2021/2115 japplika mis-7 ta' Diċembru 2021, f'konformità mal-Artikolu 160 tiegħu.

L-Artikolu 134 tar-Regolament (UE) 2021/2115 jistabbilixxi regoli li jikkonċernaw ir-rapporti annwali dwar il-prestazzjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK fis-sena finanzjarja preċedenti mfassla mill-Istati Membri u pprovduti lill-Kummissjoni.

L-Artikolu 134(6) tar-Regolament (UE) 2021/2115 jipprevedi li fir-rigward tal-interventi mhux koperti mis-sistema integrata msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) 2021/2116, minbarra l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 134(5) tar-Regolament (UE) 2021/2115, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li f'kull rapport annwali dwar il-prestazzjoni jipprovdu jew l-ammonti unitarji medji għall-operazzjonijiet magħżula fis-sena finanzjarja preċedenti u

([1]) Ir-RIPAC (li ħa ismu mill-akronimu Franċiż tiegħu Registre d'Interprétation de la Politique Agricole Commune) huwa reġistru u bażi tad-*data* ta' noti interpretattivi dwar il-liġi agrikola.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2021/2116 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament, il-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-politika agrikola komuni u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1306/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 187).

([3]) Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1).

l-għadd ta' outputs u n-nefqa relatati, jew il-proporzjon bejn in-nefqa pubblika totali, għajr il-finanzjament nazzjonali addizzjonali msemmi fl-Artikolu 115(5) tar-Regolament (UE) 2021/2115, għall-operazzjonijiet li għalihom ikunu saru pagamenti fis-sena finanzjarja preċedenti kif ukoll l-outputs realizzati u l-għadd ta' outputs u n-nefqa relatati.

Jeħtieġ li l-koerenza bejn l-informazzjoni ppreżentata minn Stati Membri differenti fir-rapporti annwali dwar il-prestazzjoni tiġi żgurata fir-rigward tal-informazzjoni addizzjonali msemmija fl-Artikolu 134(6) tar-Regolament (UE) 2021/2115, li l-Istati Membri jippreżentaw minn jeddhom. Barra minn hekk, meta l-Istat Membru jiddeċiedi li jippreżenta l-informazzjoni addizzjonali msemmija fl-Artikolu 134(6) tar-Regolament (UE) 2021/2115, dak l-Istat Membru jeħtieġ li jippreżenta l-informazzjoni bl-istess mod sakemm iddum għaddejja l-implimentazzjoni tal-Pjan Strateġiku tal-PAK, inkella l-effett utli ta' din l-informazzjoni addizzjonali għall-fini tar-rapportar annwali dwar il-prestazzjoni u l-proċeduri ta' approvazzjoni msemmija fir-Regolament (UE) 2021/2116 jiddgħajjef.

Jekk ikun hemm Stat Membru li jiddeċiedi li f'kull rapport annwali dwar il-prestazzjoni jippreżenta l-informazzjoni addizzjonali skont l-Artikolu 134(6), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a) tar-Regolament (UE) 2021/2115, dak l-Istat Membru għandu jippreżenta, għal kull intervent mhux kopert mis-sistema integrata msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) 2021/2116, in-nefqa mġarrba u l-outputs miksuba fis-sena finanzjarja preċedenti għall-operazzjonijiet kollha marbuta ma' dak l-intervent magħżula f'kull sena finanzjarja preċedenti. In-nefqa u l-outputs għall-operazzjonijiet kollha magħżula f'kull sena finanzjarja preċedenti għandhom jiġu ppreżentati f'kull rapport annwali dwar il-prestazzjoni sakemm jibqgħu jsiru l-pagamenti (u jinkisbu l-outputs) b'rabta ma' dawk l-operazzjonijiet fis-snin finanzjarji sussegwenti. Fid-dawl ta' dan, l-Istat Membru rispettiv għandu jippreżenta, f'kull rapport annwali dwar il-prestazzjoni, in-nefqa mġarrba u l-outputs miksuba għall-operazzjonijiet magħżula f'kull sena finanzjarja preċedenti separatament (b'mod diżaggregat) sabiex ikun possibbli li n-nefqa mġarrba u l-outputs miksuba jintrabtu mal-operazzjonijiet magħżula f'sena finanzjarja preċedenti speċifika biex b'hekk jiġi mmonitorjat il-progress tal-implimentazzjoni ta' dawk l-operazzjonijiet u l-interventi.

Jekk ikun hemm Stat Membru li jiddeċiedi li f'kull rapport annwali dwar il-prestazzjoni jippreżenta l-informazzjoni addizzjonali skont l-Artikolu 134(6), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/2115 għal kull intervent mhux kopert mis-sistema integrata msemmija fl-Artikolu 65(2) tar-Regolament (UE) 2021/2116, dak l-Istat Membru għandu jippreżenta, f'kull rapport annwali dwar il-prestazzjoni, l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-proporzjon bejn in-nefqa pubblika totali, eskluż il-finanzjament nazzjonali addizzjonali msemmi fl-Artikolu 115(5) tar-Regolament (UE) 2021/2115, riżervat għall-operazzjonijiet li għalihom ikunu saru pagamenti fis-sena finanzjarja preċedenti, u l-outputs realizzati; u

(b) il-proporzjon bejn in-nefqa pubblika totali, eskluż il-finanzjament nazzjonali addizzjonali msemmi fl-Artikolu 115(5) tar-Regolament (UE) 2021/2115, riżervat għall-operazzjonijiet li għalihom ikunu saru pagamenti fis-sena finanzjarja preċedenti, u l-għadd relatat ta' outputs.

Jekk ikun hemm Stat Membru li jiddeċiedi li f'kull rapport annwali dwar il-prestazzjoni jippreżenta l-informazzjoni addizzjonali skont l-Artikolu 134(6), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/2115, ma jkunx meħtieġ li tiġi ppreżentata informazzjoni dwar in-nefqa relatata, peress li l-informazzjoni dwar in-nefqa diġà hija parti mill-informazzjoni kwantitattiva li l-Istat Membru huwa meħtieġ jippreżenta f'kull rapport annwali dwar il-prestazzjoni skont l-Artikolu 134(5), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/2115.